TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

# Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 179/21/F

**Joe Ellul**

**vs**

**MBL Garage Doors Solutions**

Illum, 17 t'Awwissu 2022

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar l-14 t'Ottubru 2022 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li l-azjenda intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar it-18 t'Ottubru 2021;

Ra li l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta risposta u naqset ukoll milli tidher għall-udjenza tas-7 ta' Marzu 2022 li għaliha kienet debitament notifikati;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Joe Ellul bil-ġurament;

Ra d-dokumenti u ritratti eżebiti mir-Rikorrent;

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' erba mija u ħamsa u disħin Euro (€495.00) rappreżentanti dak li fil-fehma tiegħu jirrappreżenta diminuzzjoni mill-prezz totali ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600.00) li huwa kien ħallas lill-azjenda intimata għal bieb ta' garaxx awtomatizzat li huwa ordna. Din id-diminuzzjoni hija dovuta għall-fatt li skont ma xehed ir-Rikorrent, iċ-*channels* tal-bieb ġew maħduma qosra wisq għall-post fejn ġie nstallat u b'hekk sofra tnaqqis fl-utilità, madankollu, għażel li jżomm il-bieb.

Illi t-Tribunal jifhem li bil-mod kif hija postulata l-azzjoni, ir-rimedju prospettat mir-Rikorrent huwa sabiex huma jiġbor lura parti mill-prezz imħallas minnu versu l-bieb in kwistjoni, ossija l-hekk imsejjħa *actio aestimatoria*;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li "fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]";

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed jitlob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tiegħu bħala Konsumatur;

Illi bis-silenzju tagħha, l-azjenda intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrent u dan minkejja li kellha kull opportunità li kieku riedet;

Illi skont il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba ta' erba mija u ħamsa u disgħin Euro (€495.00) magħmula mir-Rikorrent hija verosimili u ġusta u għalhekk, tistoqq akkoljiment.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' erba mija u ħamsa u disgħin Euro (€495.00).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***